A.L. 106 ta' l-2003

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET (KAP. 169)

Ordni ta' l-2003 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:–

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-2003 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet).

Art speċifikata.

2. L-art deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-ordni hija b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet.

Jum stabbilit.

3. Id-drittijiet u r-responsabbilitajiet rigward l-art speċifikata fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni għandhom b'seħħ mill-25 ta' Marzu, 2003 jitwettqu mill-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta kif provdut fl-imsemmi artikolu.

Deskrizzjoni.

4. L-art imsemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni tikkonsisti f'biċċa art fil-Marsa, flimkien mal-bini hemmhek mibni, li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. No. 45_2003_1, liema pjanta ġiet transunta fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli fil-25 ta' Marzu, 2003.